Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)

Magistrat Dottor Monica Vella LL.D., M.Jur.

Il-Pulizija

(Spettur Paul Camilleri)

Vs

-omissis-

-omissis-

-omissis-

Kumpilazzjoni Numru: 178/2021

Illum 29 ta' Mejju 2024;

Il-Qorti,

Rat l-akkuza prezentata mill-Pulizija Ezekuttiva nhar is-26 ta' Marzu 2021 kontra:

**-omissis- u**

**-omissis- u**

**-omissis-**

Akkuzati talli nhar it-30 ta' Awwissu 2019, gewwa Ward 3 Ruzar Briffa, f' San Vincent de Paule, Hal-Luqa:

1. Talli b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom, jew b' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkagunaw l-mewt ta' -omissis-, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 225 (1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.[1]

Hadet nota ukoll tal-fedina penali tal-imputati prezentata in atti mill-prosekuzzjoni[2].

Hadet nota li l-imputati wiegbu mhux hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghhom quddiem il-Qorti fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2021.[3]

[1] A folio 1 tal-process.
[2] A folio 11 sa 13 tal-process.
[3] A folio 22 tal-process.

Hadet nota ukoll tal-istqarrija tal-imputati fejn ma oggezzjonawx u taw il-kunsens taghhom biex jigu iggudikati minn din il-Qorti fis-seduta tat- 28 ta' Mejju 2021[4].

Rat l-atti kollha.

Semghet il-provi.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrelata dwar il-mewt tragika ta' anzjana ta' mitt sena u wahda (101), ossija -omissis- li grat nhar il-31 ta' Awwissu 2019. L-imsemmija -omissis- kienet residenti fl-isptar San Vincenz de Paule meta hija kienet qed tingarr minn post ghall-iehor, nhar it-30 ta' Awwissu 2019, permezz ta' lifter u waqghet mal-art. Il-carers taghha qed jigi allegat li kienu l-imputati -omissis- u -omissis- li infurmaw lis-superjuri taghhom b'dan. Jidher li -omissis- gie imsejjah biex jinvista

[4] A folio 25 sa 27 tal-process.

l-anzjana u ma dehrlux li kellha bzonn xi kura specjali b' mod immedjat imma ghalkemm mugugha ibbukjalha X-ray ghall-gurnata ta' wara. Ftit tas-sieghat wara hija giet certifikata mejta minhabba attakk tal-qalb.

**Ikkunsidrat:**

Illi fis-seduta tat-02 ta' Frar 2022 il-Qorti hatret lil Dr. Joseph Dimech bhala espert mediku sabiex jassistiha waqt dawn il-proceduri[5].

**Ikkunsidrat:**

**Provi**

Xehed **Angelo Buttigieg** fil-kariga tieghu ta' Deputat Registratur fejn esebixxa l-process verbal numru 11/2021 dwar il-mewt ta' -omissis- detentrici tal-karta tal-identita' numru 413718M gewwa Ruzar Briffa Ward 3, Residenza San Vincent De Paul, Hal-Luqa nhar il-31 ta' Awwissu 2019.[6]

Il-Magistrat Inkwirenti ikkonkludiet is-segwenti:

*'Illi ghalhekk filwaqt li jirrizulta illi -omissis- u -omissis-, fil-kapacita' taghhom ta' carers, kienu negligenti waqt il-hidma taghhom meta kienu qeghdin imexxu lill-vittma minn fejn kienet bil-qieghda ghal fuq*

[5] A folio 184 tal-process.
[6] A folio 28 tal-process.

*is-sodda, jirrizulta wkoll illi it-tabib -omissis- naqas serjament meta minkejja li kellu suspett li -omissis- kienet qed issofri minn ksur, huwa ma irreferihiex immedjatament l-isptar Mater Dei sabiex isirilha X-ray u tiehu l-kura necessarja u kien tal-opinjoni li seta' jistenna sa l-ghada biex isirilha tali X-ray, stennija li irrizultat fatali ghal -omissis-.'*[7]

Dr. Bridget Ellul li ghamlet l-awtopsja fuq il-vittma ikkonstatat is-segwenti:

'*There was no evidence of ischaemic heart disease. There was fracture of the neck of the right humerus with bleeding in soft tissues and bruising of the skin. There were injuries to the cervical spine with widening of the intervertebral disc spaces with damages to the 7th cervical vertebra, but no damage to the spinal cord. The injuries are considered as a stable fracture.*

*The cardiac event is likely to have been precipitated by pain and bleeding from fracture of either the right neck of humerus and/or the cervical spine injuries...... died from acute myocardial infarction following fracture of the right neck of humerus and fracture of the cervical spine.*'[8]

**Dr. Mario Scerri** jirrelata li l-vittma '*waqghet mal-art mill-harness tas-sodda*'. Il-pazjenta giet ezaminata mit-tabib u aktar tard din regghet giet ezaminata mill-istess tabib peress illi din kellha ugiegh fi spallejha u ma kinitx kapaci ccaqlaq il-gogi. It-tabib ghamlilha appuntament ghall-X-Ray ghall-ghada.[9] Minn notamenti migbura

[7] A folio 36 tal-process.
[8] A folio 52 tal-process.
[9] A folio 69 tal-process.

minn Dr. Scerri jidher li l-istess tabib, l-imputat -omissis- ra lill-vittma darbtejn u li fl-ewwel vista tieghu, wara il-waqa' l-pazjenta kienet '*fully engaging*'. Fil-vista ta' wara jiskontra li hija kienet mugughha u ghamlilha appuntament ghall-X-ray ghall-guranata ta' wara. *Hija giet iccertifikata mejta madwar tnax-il siegha (12) wara il-waqgha ossija fil-31 ta' Awissu 2019 fil-5.40 ta' fil-ghodu.*[10]

Xehed **Charlo Farrugia** fil-kariga tieghu ta' general manager tal-kumpanija Support Services, Health Mark u Health Services Group Ltd. debitament assistit u spjega dwar l-impjieg tal-imputati -omissis- u -omissis-, tnjen mit-tlett imputati.[11]

L-imputata -**omissis**- debitament assistita minn Avukat u moghtija d-debita kawzjoni, xehdet quddiem l-espert mahtur mill-Magistrat Inkwirenti l-prokuratur legali Mario Buttigieg u qalet li hija kienet xoghol mis-sebgha ta' fil-ghodu sas-sebgha ta' fil-ghaxija u li ghal habta tal-erbgha ta' fil-ghaxija hija u -omissis- kienu qed ibiddlu l-hwejjeg lill-vittma, minn dawk ta' fil-ghodu ghal dawk ta' fil-ghaxija. Il-vittma kienet bil-qieghda fuq recliner sofa'. Dak il-hin is-saqajn tal-pazjenta kienu dritti u s-sling kienet diga' tahtha. Ma tafx min pogga lill-vittma minn fuq is-sodda ghal fuq ir-recliner. -omissis- giet bil-lifter u wahlu s-sling mal-lifter. Is-sling ghandu erba' qfieli, tnejn fuq u tnejn isfel u huma mwahhla ma' erba' kantunieri. -omissis- bdiet tgholli l-lifter. Tghid li hija ma tafx liema buttuna ghafset ghax hija kienet qed thares lejn il-pazjent. Kienet fuq in-naha tal-lemin tal-pazjenta. Meta l-pazjenta kienet merfugha sal-livell tal-armrest tar-recliner, hija iccekjat is-sling u l-pazjenta kienet posizzjonata tajjeb. Hija nehhiet ir-recliner minn tahtha u -omissis- bdiet tinbotta il-lifter.

[10] A folio 76 u 77 tal-process.
[11] A folio 85 tal-process.

Dan isir b'mod manwali. Tghid li hija baqghet hdejn il-pazjenta, b'id wahda izzomm darha u bl-id l-ohra taht saqajha. Meta waslu hdejn is-sodda f'daqqa wahda il-pazjenta '***slipped from the curve and fell on my hand.***' '***She came out of the sling and I was not able to carry her weight but fell together. -omissis- came to help me and manually lifted her and transferred her to the bed.'*** L-imputata marret tghajjat lin-nurse Lovely Ann Ogoc. Tghid li l-India hija nurse kwalifikata u li qatt ma ghamlet first-aid course ghalkemm kien parti mit-tahrig taghha. Meta giet mistoqsija xi procedura tigi adottata meta pazjent jaqa' u x'tip ta' assistenza ghandha tinghata hija ghazlet li ma tirrispondix din id-domanda.[12]

L-imputata **-omissis-** xehdet meta kienet debitament assistita minn Avukat u moghtija d-debita kawzjoni. Hija ikkonfermat li hija kienet xoghol u qalet li hija u -omissis- ghall-habta tal-erbgha u ghaxra ta' fil-ghaxija kienu qed icaqalqu lill-vittma mill-armchair ghas-sodda. Hija dahhlet l-ewwel u -omissis- segwietha. Il-hammock diga' kien lest taht il-pazjenta. Kull pazjent ghandu l-hammock tieghu. X'tip ta' hammock/sling tintlibes tiddeciedih il-fisjoterapista. Tghid li hemm zewg tipi ta' hammocks. Dak li kienet qed tuza l-vittma kien in-numru wiehed, hemm is-salib u iehor li jerfa' is-saqajn. Huma obbligati li juzaw il-lifter. -omissis- ghamlet il-qfieli u hija kellha timmanuvra l-lifter. Il-qfieli kienu tajbin u hija bdiet timmanuvra. Qandlitha u rat li kienet impoggiha tajba. Hija ghollietha u -omissis- imbuttat is-siggu. Hija kienet fuq in-naha tax-xellug u tigbed il-lifter. Hija mexxiet il-lifter lejn is-sodda u iffukata fuq is-sodda meta f'daqqa wahda waqghet. Hija griet lejn -omissis- li kienet fuq ir-right imma ma tiftakarx jekk -omissis- waqghetx ukoll. Refghu lill-pazjenta u poggewha fuq is-sodda. Il-pazjenta kienet konxja pero' bdiet tilmenta

[12] A folio 87 tal-process.

li kellha ugiegh fid-driegh tal-lemin. Gew l-infermiera u t-tobba. Tghid li qabel ma telqet lejn id-dar "ghidtilha biex tikkalma u titlob lil Alla pero' ma wegbitx". Tghid li ghandha first aid course. Mistoqsija jekk tafx il-procedura li ghandha tigi adotta meta pazjent jaqa' ghazlet li ma twegibx.[13]

Xehdet **Lovely Ann Ogoc** wara li kienet debitament assistita minn Avukat u moghtija d-debita kawzjoni. Tghid li hija kienet l-infiermiera li marret fuq il-post wara li saret taf bl-incident. Tghid li -omissis- marret hdejha ghall-habta tal-erbgha u ghaxra ta' fil-ghaxija u qaltilha li l-pazjenta kienet waqghet. Tghid li hija ratha fuq is-sodda. Hija bdiet tezamina l-pazjenta li kienet konxja. Hija staqsiet lill-carers x'kien gara u huma qalulha li kienu qed jerfghuha u waqghet. Mistoqsija x' inhi il-procedura meta pazjent jaqa' hija tghid testwalment. **'The patient must not be moved from the floor'.** Tghid li hija kienet iffukata fuq il-pazjent u mhux fuq li taghmel domandi lill-carers. Tghid ukoll li l-pazjenta kienet kapaci tikellem u n-nifs taghha kien normali. Iccekjatilha rasha u innutat li fuq wara kellha qasma, kif ukoll kellha qasma fil-laham fil-minkeb tax-xellug. Staqsiet lill-pazjenta x'kienet qed thoss u qaltilha li kienet mugughha fid-driegh tal-lemin u fl-irkoppa tax-xellug. Tghid li tat struzzjonijiet lil carers biex jibqghu maghha u marret iggib strument biex tkejjel il-funzjonament tal-partijiet vitali. Qalet li rat lil certa Maria u infurmatha b'dak li gara u marret maghha bl-apparat. Kien f'dak il-hin li certa Elton dahal u bdew jitkellmu bil-Malti. Elton qal li ahjar jigi tabib jara lill-pazjenta. Huma ghamlu il-medikatura tal-pazjenta u ghall-habta ta' l-erbgha u ghoxrin ta' fil-ghaxija gie -omissis-. Tghid illi taf il-hin minhabba f'dak il-hin l-istaff jigu bit-trolley tal-ikel. Tghid li Elton u -omissis- marru jiccekjaw lill-pazjenta pero' -omissis- u l-carer l-ohra ma kinux

[13] A folio 89 tal-process.

ghadhom hemm. **Il-qalb tal-pazjenta kienet qed thabbat mija u tnejn u ghoxrin kull minuta u normalment tkun thabbat bejn sittin u tmenin kull minuta.** Wiehed irid jiftakar li l-pazjenta kienet imbezza'[14]. Tghid li l-unika struzzjonijiet minn -omissis- kienu li l-punti ghandhom jitnehhew fi zmien sebat sa ghaxart ijiem. Iccekjat l-istorja medika taghha u ma kien hemm xejn hlief dwar il-punti. Staqsiet lil Elton jekk il-pazjenta kinitx sejra Mater Dei pero' qalilha li ma kellu l-ebda struzzjonijiet ohra mit-tabib. Dan kien ikkonfermat ghax rat ukoll l-istorja medika tal-pazjenta. Ma tiftakarx jekk l-apparat tal-qalb tnehhix pero' hija certa li meta gie jaraha t-tabib kien ghadu hemm. **Issostni li s-slings huma preskritti lill-pazjenta mill-occupational therapist.** Tghid li hija ffokat fuq il-pazjenta mhux fuq il-lifter.

Xehdet **Stephania Polidano** li qalet li hija tahdem bhala occupational therapist gewwa San Vincenz de Paule. Tghid li l-vittma ma kinitx timxi u allura kellha tkun merfugha. Tghid li l-fizjoterapista kienet Claire Spiteri u li hemm zewg tipi ta' hoist: normal sling u hammock. Tispjega li hija ma tiddecidix b'liema minnhom ghandu jintrefa' l-pazjent. Dak huwa f'idejn il-fizjoterapista, Claire Spiteri. Ma tafx x'tip ta' sling jew hammock ordnat Spiteri u hija ma kinitx prezenti waqt u wara l-incident.[15]

Xehed **Elton Briffa** waqt li kien debitament assistit min Dr. Timothy Bartolo u spjega li huwa deputy charge nurse u giet fuqu Casapinta u qaltlu li l-vittma waqghet. Jghid li mar u sab lill-pazjenta fis-sodda. Jghid li l-pazjenta kienet fis-sodda u li ma setetx taqa'. Jghid li meta wasal kien hemm iz-zewg carers u n-nurse. Casapinta kienet diga'

[14] A folio 92 tal-process.
[15] A folio 92 tal-process.

cemplet lit-tabib u **l-carers qalulu li l-istint taghhom meta waqghet kien li jtellghuha fuq is-sodda.**[16] Mistoqsi x'inhi l-procedura meta jaqa' pazjent jghid li **'suppost jistenna lit-tabib, jezaminah it-tabib u t-tabib jaghti l-go ahead x'jaghmlu'**. Qal li kif ra li l-kaz kien sensittiv ikkuntattja lit-tabib u gie -omissis-. Hu iddeskriva l-griehi li kellha l-pazjenta u qal lit-tabib li l-pazjenta kienet fuq il-morfina. Jghid li hu mexa mal-istruzzjonijiet tat-tabib u man-notamenti tieghu. Fuq il-parametri ta' kif kienet qed thabbat il-qalb, jghid li dawn ittiehdu minn nurse l-ohra u mhux minnu. Ma jafx jekk inkitbux. Jghid li hu baghat email lis-superjura tieghu Carmen Spiteri u informa lill-qraba. Jghid li tawha il-medicina ghall-ugiegh u hallew handover. Jghid li -omissis- mieghu gergret fuq l-ispalla biss.

Xehdet **Maria Casapinta** u wara li giet debitament assistita minn Avukat u moghtija d-debita kawzjoni. Hija qalet li hija enrolled nurse u qalet li hija giet infurmata bl-incident minn nurse Lovely. Marret tara x'gara u cemplet lil Dr. Callus. Ma staqsietx minn tella' l-pazjent fuq is-sodda. Hija qaltilhom li t-tabib gej u kompliet fuq xogholha. Mistoqsija x'jigri meta pazjent jaqa' mal-art tghid li **titpogga imhadda taht rasha u jigi it-tabib jaraha.** Tghid li mhux xogholhom bhala nurses li jghallmu lill-carers x'jigri f'dawn is-sitwazzjonijiet ghax suppost diga' jkunu jafu.

Xehdet **Claire Spiteri** li qalet li hija fizjoterapista fir-residenza de quo. Tghid li fir-residenza hemm zewg tipi ta' slings, wahda hammock u l-ohra universal sling. -omissis- kienet persuna fragli u allura gie ordnat li jintuza hammock. Il-hammock tal-vittma qatt ma spezzjonata u tghid li ma tidholx fil-procedura ta' kif jintlibes. Tghid li l-hammock jista'

[16] A folio 93 tal-process.

jibqa' taht il-pazjent dement li jkun mifrux sew tahtu.  Issostni li **kif inhi komposta l-hoist ghaliha hija impossibbli li pazjent jaqa' meta jigi mqabbad sew u dan peress li l-istess pazjent jigi bhal go benniena.**[17]

**-omissis-** debitament imwissi u moghti d-dritt illi jkun assistit minn Avukat, liema dritt huwa irrifjuta, xehed li ilu jahdem bhala tabib 18-il sena u kien ilu jahdem San Vincenz ghal madwar xahar u nofs qabel l-incident. Jghid li kien hemm mieghu Dr. Callus u hu kellu aktar esperjenza minnu.  Qal li peress li Dr. Callus kellu hafna x'jaghmel mar hu jinvista lill-vittma.  Sab lil Elton u dan qallu li kien **kaz jahraq ghax il-pazjenta waqghetilhom waqt li kienet qed tingarr fuq il-hoist.** Il-carers ma kinux prezenti.  Jghid li Elton qallu li kienet waqghet minn gholi ta' madwar hamsin sa sittin (50-60) centimetru. Jghid li beda jezamina l-waqgha u ma kinitx ta' wahda li waqghet it-tarag. Qal li l-pazjenta diga' kienet fuq is-sodda u ma staqsihiex min poggiha hemm. Mistoqsi jekk hux normali li pazjenta taqa', qal li normali u mhux l-ewwel darba li jpogguha lura fis-sodda.  Ma jafx jekk titpoggix lura bl-idejn jew bil-hoist u qal li kien ilu jahdem Karen Grech madwar tmien (8) snin qabel. Ma jafx li hemm protokoll ghal meta jaqa' pazjent. Jispjega li hu kien hadem ukoll Mater Dei u anki San Vincenz bhala trainee. Dwar il-kundizzjoni tal-pazjent huwa ma jidholx fiha u jzid li s-supervizjoni tal-carers hija f'idejn in-nurse. Jghid li fis-sala ma kienx hemm nurse meta wasal. Elton ipprova jaqbad lill-qraba u l-pazjenta kient tidher li kienet alert u f'sensiha. **Il-parametri kienu normali**.  Il-pazjenta kienet imwaqqfa u qed issegwi b'ghajnejha. **Staqsieha kif kienet u la qaltlu iva u lanqas le** u qaltlu li titlob ghalihom ghax-xoghol li jaghmlu.  Ezamina l-habba ta' ghajnejha u l-polz u kienu tajbin.  Jaghti deskrizzjoni tal-ezami mediku li ghamel u hu ghamlilha

[17] A folio 95 tal-process.

punt u dan gabulu Elton. Qal lil Elton biex jiehu hsiebha u jsegwu l-parameteri kif isir is-soltu. Dan hu xoghol in-nurse. **Ma rax il-parametri li kienu ta' mija u ghaxra (110). Jispjega li peress li kienet fuq il-warfarina jista' jkollha l-qalb thabbat tghaggel. Jghid li l-pazjenta ma kinitx** qed tgerger fuq xi ugiegh. Jghid li ma irreferihiex Mater Dei ghax hija persuna fragli u qal lil Elton biex izommha taht ghajnejh. Jghid illi l-pazjenta insistiet ukoll li ma tridx tmur Mater Dei.[18] Jghid li skond hu l-griehi kienu minuri ghax ma kellhiex sintomi ta' remettar, accessjonijiet etc.

Fil-hdax ta' fil-ghaxija rega' gie infurmat li qed tgerger b'ugiegh fi spallitha u rega' mar jaraha. Il-vittma dehret kalma u taghtu aktar informazzjoni. Qalilha li kien hemm aktarx ksur fi spallitha. Minhabba l-eta' u l-hin ma kinux ser joperaw fuqha. Staqsa lin-nurse barranija li ma jafx x'jisimha u qaltlu li ma kienx hemm sling. Qal bejnu u bejn ruhu Mater Dei ser nibghatha ghal sling u jergghu jibaghtuha lura. Ghalhekk iddecieda li jaghtiha il-pain killers u l-ghada wara l-X-ray jikkonsultaw mal-Ortophedic Surgeon. Mistoqsi li peress li huwa kellu suspett li hi waqghet bil-quddiem, ghalfejn m' ezaminalhiex dahra, huwa ghazel li ma jwegibx.[19]

Xehed **Dr. Stephen Mangion** u qal li hu ma kellu x'jaqsam xejn mal-incident u li -omissis- kien is-senior medical officer.[20]

[18] Il-Qorti taghmilha cara illi filwaqt illi huwa tajjeb u gust illi wiehed jikkunsidra x-xewqa tal-pazjent, dan in vista li l-ligi kif inhi llum ma tipprovdix dwar ix-xewqa tal-pazjent, allura dan bl-ebda mod u manjiera ma izid jew inaqqas xejn mill-kunsiderazzjonijiet li ghandha taghmel il-Qorti dwar ir-responsabilita tal-imputat fil-kamp mediku.

[19] A folio 98 tal-process. -omissis- fit- 3 ta' Dicembru 2019 qal li ma ghandu xejn x' jghid aktar dwar il-kaz.

[20] A folio 99 tal-process

Regghet xehdet **-omissis-** debitament assistita nhar is-17 ta' Ottubru 2019 fejn tgid li "l-armchair is a recliner wheelchair" u tishaq li hija iccekjat lill-vittma diversi drabi qabel ma telqet. Tghid lil -omissis- 'hooked' -omissis- u li hija hadmet b'dak il-lifter sa mill-2016. Tghid li kollox deher tajjeb u hi imbuttat il-lifter ghal ftit metri. **Ma tafx kif waqghet**. Tghid li ma tafx kif waqghet ghax hija kienet qed topera il-lifter. Tghid li s-saqajn tal-lifter kienu diga' miftuhin u kienet qed timbotta fid-direzzjoni tas-sodda. L-incident sehh f'hakka t'ghajn. Tghid li hija spiccat '*in a lateral position but I do not remember the side in which she landed*'. Huma kienu xi tletin (30) centimetru mis-sodda.[21]

Regghet xehdet **-omissis-** debitament assistita u tghid li -omissis- tigi trasferita mis-sodda ghall-armchair darbtejn kuljum. Tispjega r-rutina tal-anzjana u tghid li meta l-anzjana waqghet kien hemm hi u -omissis-. Tispjega li: 'We placed the loops on both side of the patient'. Tghid li -omissis- gabet il-lifter u hija kienet "on the right-hand side of the recliner and the lifter came from the left hand side of the patient". Tghid li kollox kien sew u meta giet mghollija hija nehhiet ir-recliner. -omissis- pulled the lifter and then she started pushing her towards the bed. *'All of a sudden she slipped from the front curve'*. Is-sling hija responsabilita' tat-terapista u mhux tal-carers u l-pazjent tpogga in an inclined position. Issostni li '*our instructions from the hospital is only to use the outer loops*'.

Fir-rapport tieghu **il-Prokuratur Legali Mario Buttigieg** josserva fost l-ohrajn:

[21] A folio 100 tal-process.

***Meta l-esponent ezamina dan l-apparat irrizulta li l-apparat kien qed jahdem sew u li ma kien hemm l-ebda difett fih......Waqt l-access gie osservat li meta l-carers jimxu bil-lifter dan jitmexxa u ssir il-forza fuq il-boom. Intant din mhux skont l-istruzzjonijiet li hemm fuq l-manual fejn dan jinghad b'mod esplicitu li l-operatur ghandu jinbotta biss il-lifter mill-push handle. Meta sar l-ezami tal-lifter dan il-handle kien nieqes. Gialadarba pazjent huwa marbut kif suppost huwa kwazi mpossibbli li jaqa' hlief jekk il-pazjent taghti skoss il-quddiem.***[22]

Xehed **l-iSpettur Paul Camilleri** nhar it-28 ta' Mejju 2021 u spjega r-rwol tieghu fl-investigazzjoni wara li n-neputija ta -omissis- kienet ghamlet rapport li zijitha mietet fir-residenza San Vincenz De Paul wara li mietet b'mod suspettuz. Hu informa lill-Magistrat tal-Ghassa Dr. Charmaine Galea li appuntat numru ta' esperti biex jghinuha fl-istharrig.[23]

Xehdet **Doreen Bojianzis** nhar it-28 ta' Mejju 2021 fejn qalet li cemplulha mir-residenza de quo u qalulha li kellhom naqra incident zghir u li ma kienx hemm ghalfejn jigu, jigifieri jmorru San Vincenz De Paule. Kien in-nurse in charge li cemplilha. Tghid li ftit sieghat wara, ossija fis-sitta neqsin kwart tal-ghada qalulhom biex imorru ghax iz-zija ma kinitx tajba. Ftit minuti wara, lanqas lahqet waslet cemplitilha omma li zijithom mietet. Meta waslet indunat li din kienet

[22] A folio 103 tal-process. A folio 111 l-espert Buttigieg jaghmel zball zghir fejn filwaqt li jirreferi ghal dak li qal -omissis- f xi istanzi jirreferi ghalih bhala -omissis-, li hu kunjom il-vittma. (pagna 32 tar-relazzjoni tal-P.L. Mario Buttigieg).
[23] A folio 164 tal-process.

ilha mejta u wara ftit haduha. Wara l-incident hadd minn San Vincenz ma ikkuntattjahom.[24]

Xehed **Mark Grech** nhar it-22 ta' Gunju 2021 fejn ikkonferma li l-imputati -omissis- u -omissis- kienu jahdmu bhala care workers San Vincenz De Paul.

Xehed **Dr. Fiorentino** nhar is-6 ta' Ottubru 2021 dwar l-istorja lavorattiva ta' -omissis-.[25] Hu gie ikkonfermat specjalist rsidenti fil-Gerjatrija fid-29 ta' April 2019.

Xehed l-imputat **-omissis-** nhar il-25 ta' Jannar 2023 fejn ta' deskrizzjoni tal-hajja professjonali tieghu.[26] Jghid li r-residenti ta' San Vincenz ilahhqu xi elf u tlett mitt (1,300) resident mifruxin f'hamsa u tletin (35) sala. Huma kienu tlett tobba, wiehed minnhom junior u joqoghdu hafna fuq li jghidulhom l-infermieri. Jghid li joqoghdu fuq il-parametri li jelevaw l-infermieri. Huma jahdmu skond il-prijoritajiet. Jiddeskrivi li huma dejjem ikun taht pressjoni ta' xoghol minhabba in-numru zghir ta' tobba u n-numru kbir ta' pazjenti. Hu mar fuq il-vittma ghax it-tabib l-iehor kien mifni bix-xoghol u l-infermier Elton Briffa spjegalu x'kien gara u beda jipprova jaqbad mal-qraba. Spjega li gisem il-pazjenta kien qisu "cornflakes". Jghid li anki meta t-trawma tkun minuri jista' jkollok tifrik tal-ghadam. Jghid li l-pazjenta kienet konxja u f'kundizzjoni generali tajba. Innutalha hafna artrite. Wara li ezaminaha seta' jghid li mohha kien f'postu. Jghid li hu qal lil Elton biex izomm lill-pazjenta taht ghajnejh u kompla jzur lill-pazjenti l-

[24] A folio 169 tal-process.
[25] A folio 178 tal-process. Il-Qorti tinnotat li is-sick leave record ta' -omissis- hija ezemplari- fol 180 tal-process.
[26] A folio 205 tal-process.

ohra. Isostni li l-pazjenta ma kinitx konfuza u allura ma hassx il-bzonn li jirrikoveraha Mater Dei. *Isostni li hi ma riditx tmur Mater Dei ghax kienet diga' hadet battikata.*[27] *Hu ordnalha s-sling u l-pain killers.*

***Dr. Joseph Dimech*** *jintervjeni u jghid,* ***ghadni qatt ma rajt f'sebgha u tletin sena tabib, anzjana iktar minn tmenin sena issa qed nghidu ghoxrin sena inqas minn din li kellha ksur fi spallitha u b'xi mod ghamlu xejn aktar minn semplici X ray, orajt mela issa taf li ghandek ksur. Mela bhal ma qal il-kollega sling, pain killers whether you like it or not s'hemm naslu.***[28]

Ix-xhud jispjega il-ghala ha decizjoni li ma jihux l-pazjenta Mater Dei u l-istrapazz li kienet ser issofri l-pazjenta. Jaf li l-waiting times l-emergenza huma twal hafna, minn ghaxar sa tnax (10 – 12) -il siegha u allura ladarba ma kellhiex head injuries ma kienx hemm ghalfejn referral. Jghid li l-pazjenta kellha kundizzjoni ta' arterial fibrillation fejn kawza ta' din il-kundizzjoni l-qalb thabbat mghaggla hafna. Il-parametri l-ohra kienu tajbin.

Jghid li hu kien imbezza' meta kellmuh il-pulizija u jsostni li hafna mix-xoghol taghhom jiddependi minn fuq x'jikkonstataw l-infermiera. Il-calls hemmehekk il-hin kollu dehlin. Jghid li meta mar ghand il-pulizija ma kellux cans jara x'kien kiteb. Ma kellux notamenti meta tkellem mal-pulizija. Isostni li l-akkuza hija infondata u hu qieghed hemm ghax ha hsieb il-pazjent. Jghid li pazjent f'dik l-eta' mhux tajjeb li jqatta' hafna hin l-emergenza.

[27] Dan il-fatt ma jidhirx li xehdu waqt l-inkjesta -omissis- u fuq dan il-punt il-Qorti mhux qed temmnu!
[28] A folio 211 tal-process.

Mistoqsi minn Dr. Ghaznavi jghid li il-manuvri fuq il-pazjenta waqt li kien qed jezaminaha hu, ghamilhom l-infermier Elton Briffa.

Xehdet l-imputata **-omissis-** nhar it-18 ta' Mejju 2023. Hi qalet illi ilha tahdem bhala carer f'San Vincenz De Paule ghal sentejn u nofs. Tghid li l-India hija tahdem ta' infermiera filwaqt illi f'Malta hija gradwata fil Health Care Management u issa qed tahdem f'Malta ukoll bhla infermiera. Tghid li l-India kienet tahdem bhala infermiera. for 2 ½ years. Spjegat illi il-pazjenta kienet fir-recliner wheelchair u tablet li titla' fuq is-sodda. Kull pazjent ghandu "slings" tieghu. -omissis- kienet qed tlibbisa l-pigama. -omissis- marret iggib il-lifter u gabitu fejn il-pazjenta filwaqt illi hija baqghet mal-pazjenta. Hija poggiet il-qfieli mal-gancijiet, spjegat li s-"sling" hija "hammock sling" u rrangat il-posizzjoni tas-sling mal-lifter. She attached the sling to the hooks, it is a hammock sling. Tghid illi s-"sling" hija maghzula ghall-pazjent mit-terapisti u mhux mill-carers. -omissis- bdiet ittella' l-pazjenta bil-lifter u x'hin hija rat li l-pazjenta kienet f'certu livell, hija nehhiet il-wheelchair. -omissis- bdiet timbotta l-lifter lejn is-sodda.

Hawnhekk, it-Tabib spjega li hemm zewg tipi ta' slings: it-T harness u b'hekk ic-cunturin ikun minn quddiem u l-pazjent difficli jizloq u l-hammock minn liema il-pazjent jista' jizloq.

Ix-xhud kompliet tghid li l-pazjenta kienet mghawga 'l quddiem u ma setetx toqghod bil-qeghda sew, ma setetx tiddritta dahrha. Saqajha ma kinux jitghawgu mill-irkopptejn u ghlahekk kienu f'posizzjoni dritta. F'daqqa wahda il-pazjenta zelqet minn naha ta' quddiem u giet bejn is-

saqajn tal-lifter. Il-pazjent riedet tqum u ma kinitx bi kwieta. Il-pazjenta ma thallietx ma' l-art peress li setghet tikkawza aktar feriti. – "injuries".[29]

**-omissis-** xehdet fit-18 ta' Lulju 2023 and she stated that she worked at St. Vincent De Paul in RB3 ward for 3 years. She and -omissis- were transferring -omissis- from the reclining chair to her bed. She was the one operating the lifter and -omissis- assisted the patient. The sling was already underneath the patient and in the room there were 5 beds. Three beds on one side the two on the other. -omissis-'s bed was in the middle. While in the wheelchair she put the nightdress on -omissis-. -omissis- came to help. He took the lifter from outside the room and positioned the lifter at the left arms side of the patient. Witness was holding the **lifter handlebar** and -omissis- was in the right arm side of the patient and was arranging the sling attached to the lifter. She started lifting the patient and noticed that all was good. She moved the lifter slowly towards the bed and the incident happened so fast. Carmen was on the floor and they lifted her gently. -omissis- went to ask for assistance and Elton the nurse came. Before she left she went to check on her. The lifter is assigned to the ward and the therapist assigns the sling to the patient. Patient was conscious and was speaking to them She was lifted from the floor for her own safety. She explains how the lifter operates. *There is a handlebar, the lifter has a handle bar which is used for pushing, pulling and moving the lifter.*

**Ikkunsidrat:**

[29] A folio 226 tal-process.

**Il-Ligi u Gurisprudenza**

L-imputati qed jigu akkuzati taht l-artikolu 225 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jaqra s-segwenti:

*"Kull min, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd, jehel meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn erba' snin jew multa ta' mhux izjed minn hdax -il elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centenzmu (€11,646.87).*

Dwar il-prevedibilita' tal-event dannuz fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Grech** (App. Nru. 140/2002) deciz fis-6 ta' Gunju 2003 per il-Prim Imhallef Vincent De Gaetano intqal:

**'Kwantu ghall-kwistjoni dwar il-prevedibilita' tal-event dannuz, huwa vera li ghal dak li jirrigwarda imprudenza jew negligenza generika (jew kif isejhilha Francesco Antolisei '….casi di colpa che deriva da inosservanza di usi sociali…'[30] il-kriterju jew kejl ta' prevedibbilta' huwa wiehed importanti, anzi essenzjali'**[31]

L-istess allura Imhallef Vincent De Gaetano fis-sentenza **Il-Pulizija vs Tarcisio Fenech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Marzu 1998 kien spjega s-segwenti dwar l-essenza tal-vera kolpa u qal:

[30] Manuale di Diritto Penale- Parte Generale – Giuffre' (Milano), 1989, p. 325.
[31] Pagna 4.

**'L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika- cjoe' l-esperjenza komuni tal-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari- tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjoinijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu ippregudikati.'**

Fil-kawza **Il-Pulizija vs Dorianne Camilleri**[32], intqal: "In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala: 1. la volontarieta dell'atto; 2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u 3. la possibilita di prevedere. Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide **Il-Pulizija vs John Vella** deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali)[33]".

Il-gurist **Francesco Carrara** jghid hekk dwar il-culpa, "… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."

Bl-istess mod, il-**Professur Anthony J. Mamo**, fin-noti tieghu, jghid hekk: "In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen.

32 Appell numru: 89/2017 deciz fit-28 ta' Frar 2018, Onor. Imhallef Edwina Grima
33 Il-Pulizija v Leonard Grech deciz fil-05 ta' Settembru 1990, mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable".

**Antolisei**, izda jimxi pass 'il quddiem mill-insenjament tal-Carrara u t-tejorija tal-prevedibbilita ta' l-azzjoni meta iqies illi tirrizulta l-kolpa meta jkun hemm in-nuqqas ta' l-osservanza tar-regoli tal-komportament, anki jekk l-event dannuz ma kienx wiehed prevedibbli u dan billi l-osservanza ta' dawn ir-regoli iwassal sabiex l-event dannuz ma isehhx u jghid hekk: "Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline). Quindi occorrono due requisiti: a) la violazione di una regola; b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare. In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva."

Awturi ohra bhal **Mantovani** u **Padovani** jabbinaw din ir-regola ta'l-Antolisei mar-regoli tal-prevedibbilita u l-inevitabbilita' biex b'hekk il-kulpa fil-fehma taghhom tinkwadra ruhha f'erba elementi: 1. un requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta; 2. un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola; 3. l'evitabilità dell'evento mediante l'osservanza di tale regola; 4. la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso.[34]

[34] http://www.altalex.com/documents/altalexpedia/2016/02/17/colpa

Fil-kawza **Il-Pulizija vs Alexander Roger Manche**[35] intqal hekk: "Illi l-imputat jinsab akkuzat kif diga inghad iktar 'il fuq bir-reat tal-omicidju involontarju. Illi madanakollu l-Qorti tistqarr illi dan il-kaz kien iktar kumpless minn kawzi ohra ta' reati ta' natura involontarja billi jitratta dwar allegat zball kommess minn professjonista fil-kors tal-ezercizzju tal-professjoni tieghu. Kwindi l-Qorti trid necessarjament tinvestiga mhux kwalsiasi eghmil maghmul minn bniedem fil-hajja ordinarja, izda eghmil ta' natura professjonali u l-grad ta' responsabbilta mistennija minn min ipprepara ruhu u ipprezenta ruhu biex jagixxi f'dik il-professjoni partikolari……. Illi r-reat involontarju gie trattat b'mod kopjuz fil-gurisprudenza taghna u l-elementi li isawwru dan ir-reat gew studjat funditus fejn gie spjegat il-kuncett tal-kulpa fil-ligi Maltija.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Perit Louis Portelli,** (04/02/1961), il-kompjant Imhallef Flores stqarr: "Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art.239 (illum 225) tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, f'("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizia") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannus involontarju;

"Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu isir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana

[35] Deciza 06 t'Awissu 2013, per Magistrat illum Onor. Imhallef Edwina Grima.

identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe', illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali: kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret.

"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione" (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, 11,27, p. 46);

Illi l-gurisprudenza izzid ukoll illi ma' dawn l-elementi irid ikun hemm necessarjament l-element ta' preveddibilita' u cioe' illi l-agent jonqos volontarjament milli jagixxi b'diligenza tant illi b'tali agir ikun prevedibbli (u mhux previst) li jista' isehh l-event dannuz.

Illi **Francesco Antolisei**, fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Generale jghallem illi: :"Secondo la dottrina tradizionale che vanta origini antichissime e in questi ultimi tempi torna a prevalere, la colpa consiste nella prevedibilita' del risultato non voluto. Scrisse il Carrara: "La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevediblli del proprio fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perche' l'essenza della colpa sta nella prevedibilita'."

Illi din hija t-tezi li dejjem giet accettata mill-Qrati taghna. Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Richard Grech** (21.03.1996), gie deciz li jekk il-prudenza tikkonsisti f''illi persuna taghmel dak li hu ragjonevolment mistenni minnha sabiex

tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti f'illi wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certa non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero', il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista: kieku kienet ukoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta' l-intenzjoni posittiva indiretta. Illi, kif jispjega Sir Anthony Mamo fin-noti tieghu, il-ligi ma taghtix definizzjoni tal-frazijiet "nuqqas ta'hsieb", "traskuragni" u "nuqqas ta' hila" izda "it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances."

Illi minn dina l-gabra ta' dottrina u gurisprudenza, jirrizultaw ghalhekk is-segwenti elementi essenzjali li iridu jissussistu sabiex tinstab htija ghar-reat ta' natura involontarja: 1. azzjoni volontarja negligenti, imprudenti u non-kuranti. 2. ness bejn l-azzjoni jew in-nuqqas taghha u l-event dannuza. 3. l-element tal-prevedibbilita' Ikkunsidrat, Illi stabbiliti dawn l-elementi legali, kwindi, din il-Qorti trid tara jekk l-imputat: 1. kienx negligenti, imprudenti u non-kuranti fl-agir tieghu. 2. jekk dana jirrizulta, jekk kienx hemm ness bejn dana l-agir tieghu u l-event dannuz. 3. jekk il-hsara ki nitx wahda prevedibbli. Illi kif diga inghad mill-Qorti sabiex jigi ezaminat l-eghmil ta'l-imputat u jekk dana kienx negligenti, imprudenti u non kuranti dana irid necessarjament jigi studjat fl-ambitu tal-errur professjonali. Illi l-ligi taghna ma taghti l-ebda definizzjoni dwar l-grad ta'responsabbilta' li ghandu jigi ezercitat minn tabib jew kirurgu fl-esercizzju tal-professjoni tieghu. Illi l-gurisprudenza dejjem imxiet mar-regola illi mhux kull zball ta' natura professjonali jaqa' fir-relm tal-kulpa diment

dana ma jkunx sehh minhabba negligenza, imprudenza jew non kuranza. Illi fis-sentenza hawn fuq iccitata **Il-Pulizija vs Louis Portelli**, l-Qorti Kriminali ghamlet referenza ghal dak stabbilit mill-awtur Giovanni Cattaneo fit-tratta tieghu "La responsabbilta del professionista" fejn ighid: "L'errore professionale … si ha quando la condotta risulti non obiettivamente adatta al caso concreto sebbene il professionista abbia agito diligentemente, facendo quanto gli suggerivano le conoscenza proprie del buon professionista della sua categoria; se poi, verificatosi l'esito negattivo, si sopre che la condotta per ottenere il risultato avrebbe dovuto essere diversa, nulla puo' rimproverarsi al professionista, che non era in grado di rendersene conto preventivamente." Ikompli: "Cosi' inteso, l'errore professionale e' allora in sostanza un comportamento tecnicamente errato ma non necessariamente colposo, che e' causa del mancato raggiungimento del risultato utile che mira il cliente. Il problema dell'errore proessionale viene percio' a coincidere con quello del nesso casuale tra inadempimento e danno. Infatti se il risultato infausto si verifica indipendentemente dal comportamento del professionista, manca il nesso casualita', che e' invece presente in caso di errore colpevole. Se cio' e' vero, il concetto di errore professionale risulta in sostanza inutile, perche' non aggiunge nulla al concetto di casualita' che e' lo stesso per ogni sorta di danno, anche al di fuori della responsabbilita' professionale … Si puo' solo notare che il nesso casuale si presenta sotto diverso aspetto, a seconda che l'esito della attivita' dipenda, oltre che dall'attivita' del professionista, da una serie di fatti naturali oppure da atti volontari di terze persone."

Illi fis-sentenza iccitata intqal: "Kunsidrat f'dan l-aspett l-errur professjonali, il-Qorti taghmel taghha, ghall-apprezzament tal-provi il-kliem ta' Cogliolo (Teorie Delle Colpe, Vol,II, p.137):- 'Nelle

professioni c’e tutto un campo insindicabile ed inespugnabile, ed e’ quello che il diritto inglese chiama errore di giudizio. Il professionista cioe’ di fronte ad un caso pratico, valuta le varie circostanze, e si forma un convincimento che poi i fatti successivi mostrano errato; di questo errore nessuno responde, se non e’ fondato su evidenti errori di ricerca e di dottrina’.” Illi l-Imhallef Flores f’din is-sentenza ighallimna illi f’kaz tal-professjonista d-diligenza li dan ghandu jadopera hi dik ta’ bniedem ordinarjament kompetenti fil-professjoni tieghu. Jekk jiehu zball fil-professoni tieghu, huwa ma jirrispondiex ghad-danni jekk l-izball ma jkunx grossolan u jekk tkun giet minnu adoperata d-diligenza ordinarja li trid il-ligi. Huwa mhux tenut ghad-danni rizultanti minn zball professjonali, ammenocche’ dana l-izball ma jkunx grossolan u ammenocche’ l-htija ma tkunx tista’ tigi lilu addebitata minhabba nuqqas ta’ prudenza u attenzjoni ta’ missier tajjeb tal-familja.

Fl-istess vena fis-sentenza **Victor Savona pro.et.noe. vs Dr. Peter Asphar et** gie deciz: “Mid-duttrina u mill-gurisprudenza fuq iccitata ghandu jigi ritenut li t-tabib mhux tenut ghad-danni rizultanti minn zball professjonali ammenokke dana l-izball ma jkunx grossolan, u ammenokke’ il-hsara ma tistax tigi lilu addebitata minhabba nuqqas ta’ prudenza, dilgenza u attenzjoni ta’ ‘bonus pater familias’.”

Allura sa fejn tasal ir-responsabbilta’ tat-tabib. Iwiegeb hekk il-**Laurent**: “Non e’ possibile determinare in modo generale il limite delle responsabbilita’ dei medici. Spetta al magistrato ravvisarle in ciascuno specie, secondo i fatti e le circostanze, che possono infinitamente variare, non perdendo mai di vista quel principio fondamentale che deve sempre servigli di guida, val dire che per aversi responsabbilta’ professionale a d’uopo che taluno abbia comesso colpe non usando le volute vigilanze sopra se’ medesimo o sui propri atti, o dando prova di ignoranza imperdonabile nell’esercizio della sua

professione; spetta ai tribunali applicare questa massima con discernimento, lasciando alla scienza tutta la latitudine che si deve, ma accordando del pari alla giustizia a al diritto tutto quanto loro appartiene."[36]

Ukoll l-**Archbold** jishaq: "A physican or surgeon owes a duty to the patient to use diligence, care, knowledge, skill and caution in administering treatment, and the law requires not the highest or a very high standard, but a fair and reasonable standard of care and competence."

Illi abbinat ma' dan il-grad ta' responsabbilta', allura huwa hawnhekk illi jaghmel sens l-element tal-preveddibilita' rikjest fid-dritt penali. Dana ghaliex l-professjonista li volontarjament huwa negligenti u imprudenti jista' jasal jikkaguna hsara li hija prevedibbli bhala konsegwenza ta'lazzjonijiet tieghu. U hawnhekk allura ikun hemm in-ness bejn l-azzjoni u l-event dannuz li jista' iwassal ghal htija……..

Fil-kawza **House of Lords in Regina v. Adomako** (Appellant) (On Appeal from the Court of Appeal (Criminal Division)) gie dikjarat[37]: "In cases of manslaughter by criminal negligence involving a breach of duty, it is a sufficient direction to the jury to adopt the gross negligence test set out by the Court of Appeal in the present case following Rex. v. Bateman 19 Cr.App. R.8 and Andrews v. DPP [1937] AC 576 and it is not necessary to refer to the definition of recklessness in R.-v. Lawrence [1982] A.C. 510, although it is perfectly open to the trial judge to use the word "reckless" in its ordinary meaning as part of his

[36] Principio di Diritto Civile Vol.XX para 156 pg.422
[37] R v Adomako [1994] UKHL 6 (30 June 1994)

exposition of the law if he deems it appropriate in the circumstances of the particular case"; Lord Chancellor, Lord MACKAY OF CLASHFERN stated: ……The Court of Appeal held that except in cases of motor manslaughter the ingredients which had to be proved to establish an offence of involuntary manslaughter by breach of duty were the existence of the duty, a breach of the duty which had caused death and gross negligence which the jury considered to justify a criminal conviction; the jury might properly find gross negligence on proof of indifference to an obvious risk of injury to health or of actual foresight of the risk coupled either with a determination nevertheless to run it or with an intention to avoid it but involving such a high degree of negligence in the attempted avoidance as the jury considered justified conviction or of inattention or failure to advert to a serious risk going beyond mere inadvertence in respect of an obvious and important matter which the defendant's duty demanded he should address;…… Like the Court of Appeal your Lordships were treated to a considerable review of authority. I begin with Rex. v. Bateman 19 Cr. App. R. 8 and the opinion of Lord Hewart C.J., where he said, at pp. 10-11: "In expounding the law to juries on the trial of indictments for manslaughter by negligence, judges have often referred to the distinction between civil and criminal liability for death by negligence. The law of criminal liability for negligence is conveniently explained in that way. If A has caused the death of B by alleged negligence, then, in order to establish civil liability, the plaintiff must prove (in addition to pecuniary loss caused by the death) that A owed a duty to B to take care, that that duty was not discharged, and that the default caused the death of B. To convict A of manslaughter, the prosecution must prove the three things above mentioned and must satisfy the jury, in addition, that A's negligence amounted to a crime. In the civil action, if it is proved that A fell short of the standard of reasonable care required by law, it matters not how far he fell short of that standard. The extent of

his liability depends not on the degree of negligence but on the amount of damage done. In a criminal court, on the contrary, the amount and degree of negligence are the determining question. There must be mens rea."….. …. Next I turn **to Andrews v. Director of Public Prosecutions** [1937] A.C. 576 which was a case of manslaughter through the dangerous driving of a motor car. In a speech with which all the other members of this House who sat agreed, Lord Atkin said, at pp. 581-582: "….. In the present case it is only necessary to consider manslaughter from the point of view of an unintentional killing caused by negligence, that is, the omission of a duty to take care. ….. In my opinion the law as stated in these two authorities is satisfactory as providing a proper basis for describing the crime of involuntary manslaughter. …… On this basis in my opinion the ordinary principles of the law of negligence apply to ascertain whether or not the defendant has been in breach of a duty of care towards the victim who has died. If such breach of duty is established the next question is whether that breach of duty caused the death of the victim. If so, the jury must go on to consider whether that breach of duty should be characterised as gross negligence and therefore as a crime. This will depend on the seriousness of the breach of duty committed by the defendant in all the circumstances in which the defendant was placed when it occurred. The jury will have to consider whether the extent to which the defendant's conduct departed from the proper standard of care incumbent upon him, involving as it must have done a risk of death to the patient, was such that it should be judged criminal."

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Anthony Calleja**, kaz illi kien jinvolvi infermiera akkuzat bl-omicidju involontarju ta' pazjent li ikkommetta suwicidju meta kien dikjarat li kellu jigi osservat u kontinwament imhares taht "level 1 constant watch", il-Qorti tal-Appell Kriminali

irriteniet illi:[38] "L-artikolu 225 tal-Kap 9 jinkludi l-kelma 'negliġenza' u l-frażi 'nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti'. Skont il-Professur Mamo (Ara n-Noti tiegħu fl-Ewwel Parti – Notes on Criminal Law pages 69 and 70.): 'Now the words 'negligence, imprudence, carelessness' are not defined but it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty fo the defendant to take in the circumstances… Now the question arises whether in the system of our Code it is essential, in order that there may be liability for a negligent offence, that the harm caused should have been foreseeable by the defendant. It would appear that the answer to this query should be in the affirmative.'

Wara li l-Professur jgħid li l-provvedimenti tagħna huma dawk tal-Kodiċi Taljan tas-sena 1898, il-Professur ikompli hekk: 'the words 'negligence' 'imprudence' and 'carelessness' are subjective facts. They connote the subjective attitude of the offender towards his acts and their consequences which prevents him from acquiring foresight and consciousness of them and but for which he could have acquired such foresight and consciousness.' Fin-noti u fis-sottomissjonijiet saret referenza għad-deċiżjoni **'Il-Pulizija vs Pawlu Spiteri et'** tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-3 ta' Ġunju 1961. Dan il-każ kien dwar korriment f'barriera fejn is-sid inżamm responsabbli minħabba li ma kienx ħa ħsieb il-makkinarju. Il-Qorti qalet hekk: 'La darba n-negliġenza tkun 'gross and culpable' hija tagħti lok mhux biss għal responsabilita' ċivili imma anke kriminali.' F'każ ieħor tal-Qorti tal-Appell Kriminali (19 ta' Jannar 1963) **'Il-Pulizija versus Colonel Stephen J Borg'**, kien intqal hekk: 'In-negliġenza fis-sens tad-dritt kriminali għandha tkun such culpable negligence as to amount to criminal misconduct….."

[38] Deciza 08 t'Ottubru 2012, per Onor. Imhallef Lawrence Quintano Appell Kriminali nru: 488/2011

Fis-sentenza l-aktar recenti li inghatat mill-Qorti tal-Appell nostrana fl-ismijiet **Il-Pulizija vs AA et.** (Appell Nru. 412/2023), mhux ippublikata, deciz fit-08 ta' Marzu 2024 per Onorevoli Imhallef Edwina Grima u li din il-Qorti ha tikkwota *in extensio* minhabba li hawn ukoll kien hemm diversi tobba akkuzati, fost l-ohrajn taht l-artikolu 225(1) tal-Kapitolu 9, il-Qorti irriteniet:

'**Illi kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti l-liġi tagħna ma tipprovdiex disposizzjonijiet *ad hoc* li jirregolaw il-*culpa* fil-kamp professjonali, iżda dawn jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' dritt in materja, kif imħaddan fl-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali. Dan magħdud, madanakollu, meta l-qrati ġew biex jaddottaw il-prinċipji ġenerali ta' dritt regolanti l-kunċett tal-*culpa* dejjem applikaw l-istess b'referenza mhux għal imġieba tal-bniedem ordinarju bħala dak tal-*bonus paterfamilias*, iżda għal dik l-imġieba mistennija mill-professjonista mediku, fil-kamp ta' speċjalizzazzjoni tiegħu. It-tripod tal-*culpa*, għalhekk, u ċioe' dak tal-volontarjeta' tal-kondotta negliġenti, in-nuqqas ta' previżjoni tal-effetti dannużi konsegwenzjali għal dik l-imġieba, u l-possibbilita' ta' previżjoni ta' dawk l-effetti b'applikazzjoni ta' diliġenza ordinarja, irid jinkwadra ruħu fl-ambitu tal-eżerċizzju ordinarju tal-professjoni medika. Finalment din l-imġieba li ma timxiex skont l-i*standards* mistennija fl-prattika professjonali, trid tkun il-*causa prossima* tal-ħsara li tikkonsegwi, u għalhekk irid jkun ippruvat, u dan lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni, n-ness bejn l-event dannuż (f'dan il-kaz il-mewt) u l-allegata imġieba kolpuża.**

**Dan ifisser illi l-professjonista li volontarjament huwa negligenti u imprudenti jista' jasal jikkaġuna ħsara li hija prevedibbli bħala konsegwenza ta' l-azzjonijiet tiegħu. U hawnhekk allura ikun hemm in-ness bejn l-azzjoni u l-event dannuż li jista' jwassal għall-ħtija. In-negliġenza medika tqum meta t-trattament ipprovdut minn professjonist tal-kura tas-saħħa jaqa' taħt l-i*standard* medika fir-rigward tal-istampa klinika li tkun qed tippreżenta ruħha, fejn allura, dik il-kura inferjuri tkun ikkawżat ħsara jew korriment. Meta l-komportament tal-professjonista tal-mediċina imur lil hinn minn dak li huwa aċċettabbli fil-kamp tal-mediċina, dik l-imġieba doluża, li tista' tkun kemm ommissiva kif ukoll kommissiva, tissarraf f'responsabbiltà penali, imġieba li allura kellha tkun prevedibbli għall-mediku fl-eżerċizzju ordinarju tal-professjoni tiegħu...'**

**Tkompli tispjega dik il-Qorti:**

**'Illi allura l-Prosekuzzjoni kien jeħtiġilha tipprova li din l-ommissjoni fl-imġieba tal-ġudikabbli isarraf f'imġieba passiva u inattiva li hija evidenzjata minn nuqqas ta' azzjoni jew reazzjoni, u dan sabiex tirriżulta ir-reita'.**

**Illi b'żieda mal-ġurisprudenza kontinentali ċċitata mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti tqies illi l-Qorti tal-Kassazzjoni fl-Italja għamlet osservazzjonijiet pertinenti f'każ analogu[39] fejn pazjent li kien qed jippreżenta uġigħ fi spalltu, b'storja ta' problemi kardjovaskolari,**

[39] Dan għalkemm il-liġi penali taljana, kif hemm indikat fis-sentenza appellata tipprovdi għal disposizzjoni *ad hoc* li titkellem fuq l-errur fil-kamp mediku fl-artikolu 590 *sexies* tal-*Codice Penale* intestat *Responsabilita' colposa per morte o lesioni personali in ambitu sanitario*.

**miet b'attakk tal-qalb wara li ma sarux l-aċċertamenti meħtieġa u eżamijiet mediċi marbuta mal-kundizzjoni kardjovaskolari tiegħu, bit-tabib sottopost għall-ġudizzju penali jikkonkludi f'żewġ viżti illi l-uġigħ kien attribwibbli għal infjammazzjoni muskolari. Hemm is-segwenti insenjament f'din is-sentenza ta' l-errur professjonali**[40]:

***"Le Sezioni unite, con impostazione sostanzialmente confermata dalla giurisprudenza successiva, hanno enucleato, per quanto, attiene alla responsabilità professionale del medico, relativamente al profilo eziologico, i seguenti principi di diritto:***

***il nesso causale può essere ravvisato quando, alla stregua del giudizio controfattuale, condotto sulla base di una generalizzata regola di esperienza o di una legge scientifica – universale o statistica -, si accerti che, ipotizzandosi come realizzata dal medico la condotta doverosa, l'evento non si sarebbe verificato, ovvero si sarebbe verificato ma in epoca significativamente posteriore o con minore intensità lesiva. Non è però consentito dedurre automaticamente dal coefficiente di probabilità espresso dalla legge statistica la conferma, o meno, dell'ipotesi accusatoria sull'esistenza del nesso causale, poiché il giudice deve verificarne la validità nel caso concreto, sulla base delle circostanze del fatto e dell'evidenza disponibile, cosicché, all'esito del ragionamento probatorio, che abbia altresì escluso l'interferenza di fattori eziologici alternativi, risulti giustificata e processualmente certa la conclusione che la condotta omissiva del medico è stata condizione necessaria dell'evento lesivo con "alto grado di credibilità razionale".***

[40] Cassazione Sez. IV Penale- **10 dicembre 2020, Sent. n. 35058/2020**

*L'insufficienza, la contraddittorietà e l'incertezza del riscontro probatorio sulla ricostruzione del nesso causale, quindi il ragionevole dubbio, in base all'evidenza disponibile, sulla reale efficacia condizionante della condotta del medico rispetto ad altri fattori interagenti nella produzione dell'evento lesivo, comportano la neutralizzazione dell'ipotesi prospettata dall'accusa e l'esito assolutorio del. giudizio (Sez. U. 10.7.2002, Franzese).*

*Ne deriva che, nelle ipotesi di omicidio o lesioni colpose in campo medico, il ragionamento controfattuale deve essere svolto dal giudice in riferimento alla specifica attività che era specificamente richiesta al sanitario e che si assume idonea, se realizzata, a scongiurare o ritardare l'evento lesivo, come in concreto verificatosi, con alto grado di credibilità razionale (Cass.,Sez.4,n. 30649 del 13- 6-2014, Rv. 262239).*

*Sussiste, pertanto, il nesso di causalità tra l'omessa adozione, da parte del medico, di misure atte a rallentare o bloccare il decorso della patologia e il decesso del paziente, allorché risulti accertato, secondo il principio di controfattualità, condotto sulla base di una generalizzata regola di esperienza o di una legge scientifica, universale o statistica, <u>che la condotta doverosa avrebbe inciso positivamente sulla sopravvivenza del paziente, nel senso che l'evento non si sarebbe verificato ovvero si sarebbe verificato in epoca posteriore o con modalità migliorative, anche sotto il profilo dell'intensità della sintomatologia dolorosa</u> ( Cass., Sez. 4, n. 18573 del 14-2-2013, Rv. 256338).*

*.... è noto infatti che in tema di responsabilità medica, è indispensabile accertare il momento iniziale e la successiva evoluzione della malattia, in quanto solo in tal modo è possibile verificare se, ipotizzandosi come realizzata la condotta dovuta dal*

***sanitario, l'evento lesivo sarebbe stato evitato o differito (Cass., Sez. 4, n. 43459 del 4-10-2012, Rv. 255008);" '***[41]

Dik il-Qorti tkompli tamplifika f'pagna 24 tas-sentenza:

**'Dan ma jfissirx, madanakollu, illi għaliex kien hemm *missed diagnosis*, awtomatikament dan għandu jsarraf f'responsabbiltà penali, u li għalhekk dan in-nuqqas jaqa' fir-relm tal-*culpa*. Biex dan iseħħ irid jkun hemm provi, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni, li t-tobba kuranti l-minuri aġixxew b'negliġenza, bi traskuraġini u non-kuranza, f'livell li jaqa' ferm 'il bogħod mill-i*standards* mistennija minn min hu imsejjaħ biex jeżerċita l-professjoni medika, f'dan il-każ fl-ispeċjalizzazzjoni tal-pedjatrija'.**

**Ikkunsidrat:**

Illi abbraccjati dawn il-principji, din il-Qorti se tghaddi sabiex tapplikahom ghall-kaz in ezami.

Il-Qorti ma ghandhiex dubbju li l-kawza tal-mewt tal-vittma kienet il-waqgha. Kieku ma waqghetx ma kinitx ser tmut madwar tnax-il siegha wara. Il-Qorti temmen ukoll li l-attakk f'qalbha, maghdud ukoll mal-eta' avvanzata ferm tal-vittma, gie ikkawzat mill-griehi li soffriet waqt il-waqgha u l-ugiegh li kienet qed thoss ikkawzati mill-ksur li garrbet fil-waqgha.

[41] Pagni 18 sa 21 tas-sentenza.

Il-Qorti tqis li l-eghmil jew in-nuqqas tieghu taz-zewg carers ghandu l-elementi kollha materjali biex tista' tinstab htija taht l-artikolu 225 minhabba li kien hemm negligenza da parti taghhom u din tal-ahhar kienet il-kawza tal-mewt ta' -omissis-.[42]

Il-Qorti m'ghandhiex dubju li z-zewg carers kienu jafu li meta jaqa' pazjent, m'ghandux jintmess qabel ma jigi invistat mit-tabib. Anke kieku wiehed kellu jabbraccja t-tezi li dawn ma kinux jafu li l-pazjenta ma kellhiex tittella' fuq is-sodda wara l-waqgha, huma kien messhom jafu li kellhom jsejhu ghall-ghajnuna u mhux jaqbdu u jiddeciedu huma u jtellghuha fuq is-sodda, u dan stante wkoll illi huma mhux bil-fors huma mistharrga fuq kif ghandu jigi migbur pazjent meta jaqa' ma' l-art u ma jkunx f'posizzjoni li jqum wahdu.

Il-Qorti tinnota wkoll illi kien facli ghaz-zewg carers li jsejhu ghall-ghajnuna u dan billi jdoqqu ll-buzzer li kull pazjent ikollu mas-sodda tieghu u b'hekk lanqas ihallu lill-pazjenta wahedha ma' l-art, inkella setet tibqa' wahda filwaqt illi l-ohra ggib l-ghajnuna, kif ghamlu x'hin wahda minnhom marret iggib il-lifter u l-ohra baqghet mal-pazjenta.

In oltre, fix-xhieda taghha l-imputata tghid, our instinct told us to put her on the bed." Il-Qorti tqis illi carer m'ghandhiex timxi fuq l-istint izda fuq dak li titlob il-professjoni ta' carer, tqis ukoll illi carer ghandha tkun taf x'inhi l-procedura li ghandha tintuza meta pazjent jaqa' mal-art u dan bhala parti mit-taghlim fil-professjoni taghha.

---

[42] Ara ukoll **Il-Pulizija vs Kevin Bonnici et.** (App. Nru. 387/2001) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali per Onorevoli Imhallef Aaron Bugeja, pagni 17 sa 27.

Illi Qorti temmen ukoll illi z-zewg carers, it-tnejn kienu jafu x'kellhom jaghmlu, izda tellghu lill-pazjenta fuq is-sodda minflok ma mxew mal-procedura, dan forsi wkoll bil-hsieb illi jahbu dak li kien gara izda dan ma setghux jaghmluh peress illi l-pazjenta garrbet xi griehi vizibbli u kienet ukoll tilmenta mill-ugigh u ghalhekk kellhom isejhu lill-infermiera.

Il-Qorti lanqas temmen illi dan l-incident sehh f'disanza ta' tletin centimetru minn mas-sodda, kif jghidu l-istess carers, stante li din hja distanza zghira hafna ghall-immanuvrar ta' l-istess lifter.

**Il-Qorti ma tistax tifhem kif persuna ta' tali eta taqa' minn taht ghajnejn zewg semi professjonisti, li wahda (-omissis- u -omissis-) minnhom tghid li hija nurse f'pajjizha u li fil-mori ta' dawn il-proceduri topera bhala nurse ukoll f'Malta meta l-lifter instab li kien qed jahdem tajjeb u li l-hammock sling kienet ukoll bla difetti.** Mir-ritratti a folio 47 ukoll jidher li l-art kienet lixxa. Il-Qorti ma tistax toqghod fuq il-verzjoni ta' l-imputati -omissis- u -omissis- u hija tal-fehma li wahda biss minnhom kienet qed tindokra lill-vittma u kienet qed taghmel il-process wahedha jew kwazi kompletament wahedha u l-ohra, ghalkemm ma teskludix li kienet fil-kamra, kienet okkupata taghmel xi haga ohra.

Il-Qorti temmen ukoll li min minnhom kien qed jimmanuvra l-lifter, kien qed jaghmel dan minn naha ta' wara tal-pazjenta u cioe minn naha ta' dahra u mhux minn naha ta' quddiem. Kien ghalhekk illi meta ghal xi raguni jew ohra l-pazjenta inbarmet 'il barra mill-hammock minn

naha ta' quddiem, ma kien hemm hadd min izommha u hija spiccat fl-art.

Il-Qorti hija ukoll tal-fehma li ghal kuntrarju ta' dak li tasserixxi l-imputata -omissis- hija ma kinitx qed tmexxi l-lifter mill-handle imma kienet qed tinbuttah minn parti ohra. Dan ghaliex il-prokuratur legali Buttigieg li ezamina l-lifter jghid li dak il-handle ma kienx f'postu. Li tmexxi l-lifter MHUX mill-handle huwa pprojbit mill-manwal[43]. Barra minn dan kif jidher fir-ritratt a folio 69 tal-process, li kieku vera -omissis- kienet hdejha u qed izzomm lill-pazjenta minn spallitha sew jew minn dahra meta kienet qed titmexxa minn -omissis- allura kien ikun impossibbli li din l-anzjana taqaghlhom, u dan ghaliex kien ikun hemm wahda izzomm il-hammock bil-pazjenta minn naha tad-dahar u l-ohra timmanuvra l-lifter minn naha ta' quddiem tal-pazjenta.

Ghandu jinghad ukoll illi l-hammock bil-pazjent b'kollox ikun idur 360 degrees u dan sabiex il-manuvrar u l-garr tal-pazjenti ikun aktar facli u jsir fl-inqas hin possibbli, sabiex jigu evitati incidenti bhal dawn; is-saqajn tal-lifter ghandhom jidhlu taht is-sodda fit-tul kollu li jippermettu u dan sabiex filwaqt illi l-pazjent ikun sospiz fil-hammock tahtu ikun hemm is-sodda, u allahares qatt jaqa' kif gara f'dan il-kaz, il-pazjent jigi fuq is-sodda u mhux fl-art. Huwa ghalhekk ukoll illi din il-Qorti temmen illi dawn il-manuvri ma kinux qed isiru f'distanza ta' inqas minn tletin centimetru minn mas-sodda kif jixhdu l-carers.

Wiehed irid ukoll izomm quddiem ghajnejh li z-zewg operaturi kellhom numru ta' snin esperjenza, kienu ukoll jiffrekwentaw b'mod

[43] A folio 154 intestat: Before and during each use of the hoist.

assidwu s-sala fejn kien hemm il-vittma u kienu konxji bil-kundizzjoni medico-fizika taghha u allura kellhom joqghodu aktar attenti f' xogholhom.

Il-Qorti meta ezaminat l-atti u l-griehi fuq il-vittma, tqis illi huwa aktar verosimili li l-incident sehh meta -omissis- kienet qed tmexxi lil -omissis- fil-lifter waheda u li din tbandlitilha u zzersqet minn quddiem ghall-art u dan meta -omissis-, li suppost kellha tkun maghha jew ma kinitx hemm, meta suppost kienet hemm, jew inkellha kienet hemm imma mhux tant vicin hdejn il-lifter u b'hekk ma setetx tintervjeni fil-hin meta l-vittma bdiet tizzerzaq u fi ftit sekondi waqghet mill-hammock.

Il-Qorti ghalhekk tqis illi n-ness bejn l-agir tal-istess carers li wassal ghall-waqgha tal-pazjenta bil-konsegwenza li l-pazjenta tilfet hajjitha gie ampjament pruvat.

**Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li fil-kaz ta' l-imputati -omissis- u -omissis-, mill-assjem tal-provi u tal-fatti quddiemha jissussistu l-elementi kollha sal-grad rikjest mil-ligi biex jinstabu hatja taht l-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti tqis ukoll illi dan l-incident probabilment ma kienx isehh li kieku s-sling maghzula ghal din il-pazjenta partikolari kien T-harness u mhux hammock. Dan qieghed jinghad ghall-fatt illi meta tintuza T-harness, din tigi mghoddija minn taht is-saqajn tal-pazjent, u ghalhekk il-pazjent ma jkunx jista' jizloq ghall-art. Dan qed jinghad ukoll ghaliex inghad illi l-pazjenta kellha saqajha**

**dritti ‘il quddiem u ma kinitx tghawweg irkopptejha u ghalhekk jekk il-pazjenta kellha saqajha dritti l-barra allura jaghmel aktar sens li din tintrabat u mhux sempliciment tipogga go hammock minghajr ebda rbit li jzommha fl-istess hammock, proprju sabiex jigi evitat li tizloq ‘il barra mill-hammock.**

**Il-Qorti tqis ukoll illi meta l-pazjent ikollu kundizzjoni partikolari ghandhom jitharsu l-htigijiet partikolari tieghu, u dan qed jinghad anke fid-dawl tal-fatt tal-kundizzjoni tal-ghadam tal-pazjenta.**

**Il-Qorti ghalhekk tqis illi kien hemm negligenza wkoll da parti tal-fizjoterapista illi f’dan il-kaz ma qisitx il-htigijiet partikolari ta’ din il-pazjenta meta ddecidiet liema tip ta’ sling kellha tintuza u din l-ommmissjoni wasslet ghall-mewt ta’ l-istess pazjenta.**

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti issa sejra tezamina, fid-dawl tal-imsemmija gurisprudenza, l-provi fir-rigward tas-sejbien ta’ htija o meno fl-imputat -omissis-.

Il-Qorti tirrileva li ghalkemm il-kostatazzjonijiet tal-esperti mahtura fi hdan l-inkjesta jidher li ghamlu xoghol siewi, kull konstatazzjoni teknika trid tittiehed mill-perspettiva socio-tekniku-legali, specjalment fejn jitratta kazijiet teknici-medico-legali. **L-ebda investigazzjoni fejn qed tigi attakkata l-ezekuzzjoni ta’ professjonist jew semi-professjononist ma’ tista’ tigi evalwata minghajr ma wiehed jezemina il-kuntest kollu ta’ meta dak il-professjonist jew semi-**

**professjonist ikun ha jew hadet tali decizjoni.** Huwa facli li wiehed jattakka decizjoni ta' xi hadd, specjalment ta' professjonist f' sitwazzjoni ta' analizi *post mortem* ghax kif jghid il-Malti, '*wara kulhadd bravu*'!

Il-Qorti ukoll trid tfakkar li professjonist ghandu jkollu margini ta' apprezzament aktar wiesa' minn dak ta' bniedem komuni, propju ghax f'dawk il-ftit minuti li huwa imsejjah biex jiehu d-decizjoni irid jghaqqad l-esperjenza u l-gharfien tieghu tal-materja li jkun gab matul is-snin ta' studju u esperjenza ma' dak tal-pazjent u l-ghodod li jkollu ghad-disposizzjonijiet tieghu dak il-hin biex jikkura jew jirreferi lill-pazjent. Dunque, biex issir gustizzja mal-professjonist jew semi-professjonist wiehed irid jara f'liema sfera u kundizzjonijiet id-decizjoni tal-professjonist jew semi-professjonist ittiehdu.[44]

Allura ikun siewi li wiehed jaghmel ukoll dawn il-kostatazzjonijiet biex wiehed jifhem f'liema ambitu -omissis- kien qed jahdem u x-xenarju li kellu mhux biss madwaru izda quddiemu biex wiehed ikun jista' jifhem l-ghazliet kollha li seta' jiehu f'dawk is-sieghat li kienu krucali ghall-pazjenta tieghu u dan fid-dawl ta' dak li jirrizulta mill-atti. Dawn huma is-segwenti:

[44] Ir-relattivita' gie per ezempju ukoll ribadit fl-ambitu tad-drittijiet umani fis-sentenza tal-QEDB fil-kaz **Dluzewka vs Polonja** deciza fil- 15 ta' April 2021 fejn il-kwistjoni kienet iddur, fost l-oihrajn dwar id-detenzjoni ta' persuna anzjana fejn dik il-Qorti qalet is-segwenti: '51. The Court observes that if ill-treatment is to fall within the scope of Article 3, it must attain a minimum level of severity. The assessment of this minimum is, in the nature of things, **relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the nature and context of the treatment, the manner and method of execution, its duration, its physical or mental effects and in some instances, the sex, age, state of health of the victim…**' enfasi ta' din il-Qorti.

1. -omissis- huwa tabib ta' esperjenza vasta li hadem mhux biss San Vincenz De Paule izda fi sptarijiet ohra u allura jaf tajjeb is-sitwazzjoni ta' kura u stennija anki fl-Isptar Mater Dei;

2. It-tobba f' San Vincenz jidher li jahdmu f' shift twal, anki ta' tnax il-siegha;

3. It-tobba prezenti fil-jum tal-akkadut kienu tlieta (3), tnejn (2) ta' esperjenza, fosthom l-imputat u wiehed li milli jidher kien ghadu kif jilhaq u bi ftit esperjenza;

4. Il-popolazzjoni fir-residenza kienet ta' circa elf u tlett mitt pazjent anzjan (1,300) u allura l-pressjoni ta' xoghol hija wahda kbira u kontinwa tant li t-tabib li kien l-ewwel imsejjah fuq il-pazjenta ma setax imur imhabba xoghol urgenti iehor u spicca biex mar l-imputat;

5. Ma jidhirx li -omissis- qaghad ikaxkar saqajh biex irrisponda ghat-telefonata tal-ghajnuna tan-nurses ghall-habta ta' 4 pm;

6. Jidher li il-pazjenta meta invistaha l-ewwel darba kienet '*fully engaged*' u hlief il-punt u xi dressings ma kellhiex bzonn ta' aktar kura;[45]

7. Wara l-ewwel vista l-pazjenta thalliet f'idejn in-nurses biex jiehdu hsiebha;

[45] A folio 76 tal-process

8. Bejn l-ghaxra u l-hdax ta' bil-lejl (10 pm-11pm) jidher li t-tabib -omissis- rega' intalab biex jara l-pazjenta. Ghal darb'ohra jidher li ma kienx hemm telfien ta' zmien biex jaghmel dan. Hu rega' invistaha u ordna li jaghtuha il-pain killers u l-ghada jittihdilha X-Ray;

9. It- 30 ta' Awwissu 2019 kien il-gimgha, gurnata sajfija u hu ben maghruf li fil-weekends l-emergenza tal-isptar Mater Dei ikun aktar iffullat mis-soltu u hu ukoll maghruf li l-istennija, sakemm ma jkunux emergenzi homor (red alerts) jiehdu s-sieghat biex jigu indirizzati;

10. Sal-hdax ta' fil-ghaxija (11pm) ma jidhirx li l-pazjenta kienet taqa' taht l-parametri ta' red alert u allura fl-opinjoni professjonali ta' -omissis- l-ezami aktar approfondit tal-X-ray seta jistenna in vista tas-sitwazzjoni komuni ta' stennija prolungata f'Mater Dei u l-eta' avvanzatissima tal-pazjenta li aktar iva milli le wara l-kedda tal-waqgha kien ikun aghar ghalija li toqghod tistenna go xi kuritur fl-isptar Mater Dei fost il-konfuzjoni li jkun hemm sakemm tigi moqdija, dan fid-dawl ukoll tal-fatt illi kif gie spjegat lill-Qorti mill-Profs. Joseph Dimech, meta l-pazjenti jkunu ta' certu eta mat-tmenin sena, mill-anqas ghoxrin sena anqas mi- -omissis-, isir X-Ray li jikkonferma l-ksur u jinghataw il-pain killers, haga li -omissis- ghamel, huwa ippreskriva l-painkillers lis-Sinjura -omissis-;

11. L-espert mediku Dr. Mario Scerri ma jghidx x'kienet jew x' setghet kienet ser tibbenefika l-vittma kieku ttiehdet l-Isptar

Mater Dei, hlief li jghid fil-konkluzjoni numru disgha (9) tieghu li 'certament din kien postha l-isptar'[46];

12. Illi pero jibqa' l-fatt illi f'San Vincenz il-pazjenta inghatat l-istess trattament li kienet tinghata fl-isptar Mater Dei ghajr li kien ghad ma sarilhiex X-Ray;

13. **Wara l-hdax ta' bil-lejl (11pm) la -omissis- u l-ebda tabib iehor ma issejjah minn nurses b'xi informazzjoni li s-sitwazzjoni tal-pazjenta kienet qed tiddeterjora**. Il-pazjenta mietet diversi sieghat wara li invistaha l-imputat -omissis-;

14. Jidher li ghal dak it-tip ta' griehi, anzjani ta' 'l fuq minn tmenin (80) sena difficli li jigu operati u ikkurati aktar minn dak li ghamel -omissis- maghduda mal-konstatazzjonijiet *supra*;

15. Li kieku sar ukoll l-X-Ray, dan ma kien ser ibiddel xejn fil-griehi u fl-ugiegh li kienet qed issofri l-pazjenta, kien jikkonstata biss il-ksur li sofriet;

16. L-awtopsja stabbiliet illi kien hemm ksur fl-ghadam tal-ghonq u fl-ghadam tad-driegh tal-pazjenta. Il-Qorti m'ghandhiex dubju li dan il-ksur kien il-kawza li wasslet ghall-mewt tal-pazjenta.

Minn dan kollu u mill-provi mressqa f'dawn il-proceduri, l-Qorti tqis illi ma kien hemm ebda ommissjoni jew negligenza da parti tal-imputat -omissis-. Huwa mexa mat-trattament illi jinghata per procedura f'kazijiet bhal dan in ezami. Illi konsegwentament ma jistax jinghad li

[46] Issa huwa vera li San Vincenz de Paule mhux sptar imma residenza tal-anzjani imma -omissis- kienet mdawwra bil-carers u nurses u li kien hemm ghad-disposizzjoni taghha tabib 24x7. Dr. Mario Scerri ma jghidx li l-kura offruta minn -omissis- kienet per ezempju ma kinitx tajba jew inferjuri minn dak li solitament mistenni minn tabib tal-livell tieghu!

b'xi mod jew iehor huwa naqas milli josserva xi regolamenti, jew li wera nuqqas ta' hila, traskuragni, imprudenza jew negligenza fil-qadi tal-professjoni tieghu li seta' wassal ghall-mewt tas-Sinjura -omissis-.

**Ghaldaqstant, il-Qorti hija tal-fehma li fil-kaz ta' l-imputat -omissis- ma tistax tiskontra l-elementi mehtiega li jiffurmaw htija taht l-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentament abbraccjati l-principji u gurisprudenza enuncjati, ghandu jigi liberat mill-akkuza dedotta fil-konfront tieghu.**

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Ghal dak li jirrigwarda il-piena fil-konfront ta' l-imputati -omissis- u -omissis- l-Qorti qieset il-fedina penali netta kif ukoll li n-negligenza u n-nuqqas ta' hila taghhom f'pazjenta anzjana izghar probabilment ma kinitx ser twassal ghall-mewt tragika bhal ma gara fil-kaz ta' -omissis-. Qieset ukoll il-koperazzjoni taghhom fl-istadju investigattiv kif ukoll it-trapass taz-zmien minn meta gara l-akkadut. Il-Qorti ukoll thossha fi dmir li tibghat messagg car li l-anzjani fis-socjeta taghna ma humhiex piz u dawk residenti fid-djar tal-anzjani haqqhom, bhal kulhadd, l-akbar attenzjoni possibbli.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tiddikjara lill-imputat -**omissis- MHUX HATI** tal-akkuza migjuba kontra tieghu u qed tilliberah minn kull htija u piena.

U ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputata **-omissis- HATJA** tal-akkuza migjuba kontra taghha, tqis li fic-cirkostanzi tal-kaz il-multa ma hiex idoneja stante li hawn tilfet hajjitha persuna u l-hajja ma tistax tinghata prezz, izda tqis ukoll illi stante il-fedina penali nadifa tal-imputata piena ta' prigunerija effettiva ma hiex idoneja u konsegwentament qed tikkundanna lill-imputata -omissis- ghal sena prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tigi sospiza ghal erba' snin.

U ghaldaqstant ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputata -omissis- **HATJA** tal-akkuza migjuba kontra taghha, tqis li fic-cirkostanzi tal-kaz il-multa ma hiex idoneja stante li hawn tilfet hajjitha persuna u l-hajja ma tistax tinghata prezz, izda tqis ukoll illi stante il-fedina penali nadifa tal-imputata piena ta' prigunerija effettiva ma hiex idoneja u konsegwentament qed tikkundanna lill-imputata -omissis- ghal sena prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tigi sospiza ghal erba' snin.

In oltre ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed Tikkundanna lill-istess imputati **-omissis- u -omissis-**, ihallsu in kwantu ghal nofs kull wiehed, l-ispejjez tal-periti teknici imqabbda f'dawn il-proceduri u cioe PC 1414 Kurt Attard (sebgha u sebghin Ewro u disghin centezmu (€77.90c)[47] ; Dr. Bridget Ellul (tlett mija u tmienja u tmenin Ewro u hamsa u sebghin centezmu €388.75c)[48]; Dr.

[47] A folio 46 tal-process.
[48] A folio54 tal-process.

Mario Scerri (tlett mija u tmienja u hamsin Ewro u tletin centezmu €358.30c)[49] ; Prokuratur Legali Mario Buttigieg (disa' mija u tlieta u tletin Ewro u tnejn u sittin centezmu €933.62c)[50] fl-ammont totali ta' elf u seba' mija u tmienja u hamsin Ewro u sebgha u hamsin centezmu (€1,758.57) b'dan illi kull wahda mill-imputati thallas is-somma ta' tmien mija u disgha u sebghin Ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€879.28c) fi zmien xahar mil-lum altrimenti konvertibbli fi granet ta' prigunerija effettivi skont il-ligi.

Il-Qorti qeghda ukoll tordna komunika ta' din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija stante illi (1) jirrizulta illi flimkien mal-imputati kellhom jitressqu wkoll nies ohra li ghandhom ukoll jirrispondu ghal dak li gara u dan senjatament fir-rigward tal-fizjoterapista u (2) sabiex fil-kapacita tieghu ukoll ta' Ufficcjal Ewlieni ghall-Immigrazzjoni jikkunsidra serjament jekk l-imsemmija imputati ghandhomx jibqghu jaghtu s-servizzi taghhom f'dawn il-gzejjer wara illi rrizulta car illi ma esegwewx il-professjoni taghhom skont il-ligi u konsegwentament is-sigurta tal-pazjenti u anzjani, li qeghdin jew jistghu jkunu fil-kura taghhom, tinsab pregudikata u f'riskju, tant li wasslu sabiex tintilef il-hajja tas-sinjura -omissis-.

In oltre tordna ukoll illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Ministeru tas-Sahha u lill-Awtorita responsabbli mir-Residenza St. Vincent de Paule, sabiex issir investigazzjoni dwar it-tip ta' lifters, hoists, hammocks u slings illi huma disponibbli ghall-uzu tal-pazjenti u dan sabiex il-pazjenti ma jintefghux f'keffa wahda jew tnejn izda fejn hu mehtieg attenzjoni u apparat iehor partikulari ghall-htigijiet tal-pazjenti u anzjani taghna, tali attenzjoni u apparat ikunu disponibbli u

[49] A folio 78 tal-process.
[50] A folio 116 tal-process.

jinghataw u mhux tintilef il-hajja tan-nies ghal tali ommissjoni jew nuqqas.

Dr. Monica Vella

Magistrat

Annalise Mifsud

Deputat Registratur.